2 ta' Mejju, 1946

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Giuseppina Gerada** *versus* **Antonio Gerada**

**Alimenti — Meta Huma Eżiġibili l-Alimenti Arretrati — Tfal.**

*Hija dottrina, u anki ġurisprudenza kostanti tat-tribunali tagħna, illi l-alimenti arretrati dovuti b'sentenza ma humiex eżiġibili mill-persuna lilha dovuti jekk din ma turix raġuni tajba għaliex ma eżiġithomx fil-ħin li skadew, jew illi hija kkuntrattat debiti biex titmantna.*

*Il-konjuġi jista' jippretendi l-manteniment minn għand it-tfal meta ma jistax jottjenih minn għand il-konjuġi l-ieħor; u meta t-tfal imantnu 'l-ommhom, għax din ma tistax tottjeni l-alimenti minn għand żewġha, huma eżegwew obbligu naturali u ċivili li ma jagħtix dritt għar-rimbors ta' l-alimenti hekk minnhom prestati.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi ppremettiet illi għaddew iżjed minn tliet snin mill-jum illi s-sentenza hawn taħt imsemmija setgħet tirċievi l-eżekuzzjoni tagħha; u talbet li hija tiġi awtorizzata biex tipproċedi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 1939, fl-ismijiet "Giuseppina Gerada proprio et nomi-

ne vs. Antonio Gerada" (dok. A) biex tottjeni l-ħlas ta' £222 għall-alimenti biż-2s. kuljum, *li l-konvenut ġie* kundannat jissomministra għall-alimenti tagħha u ta' wliedha allura minuri, Mary u Edoardo, il-lum maġġuri, mit-30 ta' Novembru 1939 sat-28 ta' Frar 1946; salvi l-alimenti *ulterjuri* u oltre l-ispejjeż *ta' din il-kawża. Bl-imgħax tal-ħamsa fil-mija* minnotifika *ta'* dana l-att u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat tas-sekwestru tas-16 ta' Frar 1946, u bl-interpellazzjoni *tal*-konvenuta għas-subizzjoni;

***Omissis;***

Ikkunsidrat*;*

Illi l-attriċi qiegħda titlob l-awtorizzazzjoni biex tipproċedi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza msemmija fiċ-ċitazzjoni sabiex *teżiġi s-somma ta' £222, alimenti* arretrati tagħha u taż-żewġ *uliedha* Mary u Edwardu;

Illi hi dottrina, u anki ġurisprudenza kostanti tat-tribunali Maltin, illi l-alimenti arretrati dovuti b'sentenza *ma* jistgħux *jiġu* reklamati *mill-persuna lilha* dovuti, jekk din ma turix motiv ġust li għalih ma eżiġiethomx fil-ħin li skadew, jew ma tippruvax li kkuntrattat debiti biex titmantna (ara Appell Ċivili "Said utrinque" *20 ta' Frar* 1920, u s-sentenzi anterjuri hemm *ċitati;* u kwantu għall-ġurisprudenza reċenzjori ara sentenzi ta' din il-Qorti "Darmanin utrinque" 12 ta' Novembru 1930, "Tonna utrinque" 8 ta' Mejju 1933, u "Cumbo utrinque" 29 *ta' Mejju* 1933)*;*

Ikkunsidrat*;*

Illi, in kwantu li dawk l-alimenti kienu ntiżi għaż-żewġt itfal Mary u Edwardu, mhux talli ma saret ebda prova li dawn għamlu xi *dejn* biex *jitmantnew, imma anzi jirriżulta* mixxhieda stess *ta'* l-attriċi illi dawn iż-żewġt itfal, ftit wara s-sentenza li tagħha qiegħda tiġi mitluba l-eżekuzzjoni, kienu jaħdmu u jmantnu huma lill-ommhom;

Illi, in kwantu *li* dawk *l-alimenti* kienu ntiżi għall-attriċi, hija stess stqarret li ma għamlet ebda dejn ma' barranin, imma ġiet mantnuta minn uliedha;

Illi ma jirriżultax li dawn uliedha jippretendu r-restituzzjoni tal-*manteniment li taw lill-attriċi ommhom.* In kwantu għat-tifla Mary, il-lum Mc. Connell, din għall-bidu riedet

tisvija lill-ġudikant............; għalhekk ma jistax jingħad li l-attriċi kkuntrattat xi dejn dwar daqshekk ma' bintha;

Illi apparti dan, hemm x'wieħed jikkunsidra illi l-konjuġi (f'dan il-każ l-attriċi) jista' jippretendi l-manteniment minn għand it-tfal jekk ma jistax jottjenih minn għand il-konjuġi l-ieħor (art. 5 (3) Kodiċi Ċivili, Kap. 23). Issa l-fatt li t-tfal f'dan il-każ mantnew lill-attriċi ommhom juri li huma stess irrikonoxxew li hija ma setgħetx tieħu l-manteniment minn għand il-konvenut, żewġha u missierhom rispettivament. Għalhekk huma, meta mantnew lill-ommhom, eżegwew obligu naturali u ċivili, li jipprekludi r-rimbors (sentenza "Falzon vs. Bonnici", 9 ta' Novembru 1911, Prim'Awla);

**Ikkunsidrat;**

Illi l-attriċi lanqas uriet motiv ġust li għalih ma eżiġietx il-manteniment ma' tul iż-żmien li għadda mis-sentenza l-hawn. Veru li ftit wara s-sentenza għamlet sekwestru f'idejn il-Manager tal-Barclay's Bank; imma mbagħad hi waqfet hemm u ma għamlet xejn aktar, sa ma dan l-aħħar għamlet is-sekwestru fuq flus dovuti mill-War Damage Commission, ċjoè s-sekwestru li hemm imsemmi fiċ-ċitazzjoni, dak tas-16 ta' Frar 1946. Issa jirriżulta mix-xhieda stess tal-konvenuta li huwa, tajjeb jew ħażin, f'dan il-perijodu ħadem; iżda l-attriċi, avvolja kellu suċċessivament żewġ ħwienet u kjosk, qatt ma għamlet tentativ almenu ta' attijiet eżekutivi sabiex titħallas;

Illi għalhekk kollox juri li l-attriċi pprokaċċjat il-manteniment tagħha "aliunde" f'dan il-perijodu. Wara kollox, hi raġjonevoli l-konsiderazzjoni illi ladarba l-alimenti ordnati "officio judicis et pietatis causa" huma ntiżi li jissoddisfaw bżonn attwali, ġaladarba dan il-bżonn ġie soddisfatt "aliunde" tonqos ir-raġuni li l-alimentant jiġi obligat iħallas l-arretrati, meta l-alimentand ma jkunx ikkuntratta dejn biex jitmantna. Jgħid a propożitu s-Surdus (De Alimentis, lib. 5, quaest. 1, no. 43) :— "Quando alimenta debentur solum officio judicis, tunc praeteriti temporis ratio non habetur, et qui habuit alimenta vel ex sua industria vel ex erogatione aliorum, petere ea non potest";

**Ikkunsidrat;**

Illi, s'intendi, ebda preġudizzju ma għandu jkun hemm

kwantu għall-eżegwibilità tas-sentenza msemmija fiċ-ċitazzjoni għall-alimenti futuri, u talvolta għall-attijiet biex jikkawtelaw dik l-eżekuzzjoni għall-futur, salv kull dritt tal-konvenut li jitlob, mhux 'excipiendo', imma b'azzjoni appożita, il-liberazzjoni tiegħu, f'kollox jew f'parti, mill-obligu lilu impost b'dik is-sentenza fil-każ li jidhirlu li ċ-ċirkustanzi huma mbiddla, u li dan it-tibdil jiġġustifikah li jipproponi azzjoni simili;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi teskludi l-istanza, bl-ispejjeż kontra l-attriċi; salva l-eżegwibilità tas-sentenza tat-30 ta' Novembru 1939 għall-alimenti futuri.